MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1183/2007

**Abdunasser Omar El Hasuni u martu Rose Marie El Hasuni bhala rapprezentanti ta' wliedhom Najette El Hasuni u Yosef El Hasuni; u Omar El Hasuni**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-Rikors ta' Abdunasser Omar El Hasuni u martu Rose Marie El Hasuni bhala rapprezentanti ta' wliedhom Najette El Hasuni u Yosef El Hasuni; u Omar El Hasuni.

Illi l-minuri Najette El Hasuni (li twieldet fid-29 ta' Dicembru 1990 – ara l-att tat-twelid bin-numru li jmiss ta' l-iskrizzjoni 314 li dahal fis-16 ta' Jannar 1991 – dok B) u l-minuri Yosef El Hasuni (li twieled fid-29 ta' Awissu 1994 – ara l-att tat-twelid bin-numru li jmiss ta' l-iskrizzjoni 3837 li dahal fl-14 ta' Settembru 1994 – Dok C) huma ulied ir-

rikorrenti Abdunasser Omar El Hasuni u martu Rose Marie El Hasuni; kif huwa wkoll ir-rikorrent l-iehor Omar El Hasuni (li twieled fit-18 ta' Awissu 1989 – ara l-att tat-twelid bin-numru li jmiss ta' l-iskrizzjoni 3634 li dahal fl-24 ta' Awissu 1989 – Dok D);

Illi bi zball il-kunjom El Hasuni f'dawn it-tliet certifikati tat-twelid ma hux imnizzel sew ghax daqqa mnizzeel Hasuni biss u anki Hsuni, mentri korrettement kellu jkun imnizzel El Hasuni kif jidher mic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent Abdunasser Omar El Hasuni: ara l-estratt tar-registrazzjoni numru 847 tas-sena 2004 – Dok E u dak numru 1854 tas-sena 1986 li huwa ta' l-att taz-zwieg – Dok F;

Ghaldaqshekk l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onor. Qorti joghgobha tordna li kull fejn jirrikorri l-kunjom patern fit-tliet certifikati tat-twelid tat-tliet ahwa Najette (Dok B), Yosef (Dok C), u Omar (Dok D) dan ikun imnizzel El Hasuni u mhux kif muri;

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan irrisponda

Illi l-esponent ma joggezzjonax ghat-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat pero jirrizulta li fir-rigward ta' l-Atti tat-Twelid ta' Najette u ta' Omar li ghandhom in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 314 tas-sena 1991 u 3634 tas-sena 1989 rispettivament id-dikjarant kien ir-rikorrent stess Abdunasser Omar El Hasuni filwaqt li d-dikjaranta fuq l-Att tat-Twelid ta' Josef li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni numru 3837 tas-sena 1994 kienet ir-rikorrenti l-ohra u cioe Rose Marie El Hasuni.

Illi ghandha ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil kwalunkew kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid in kwistjoni mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti stante li d-dikjaranti fuq l-Att tat-Twelid huma responsabbli li jivverifikaw li l-informazzjoni li taw u iffirmaw ghaliha hija korretta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit prezentati tal-istess.

Rat li saret id-debita publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern.

Ikkunsidrat illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u gew hekk pruvati, b'mod sodisfacenti lil din il-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talba u tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' Najette El Hasuni (nru. ta' iskrizzjoni 314/91) fil-kolonna isem u kunjom, kunjom il-missier ghandu jkun El Hasuni. Kunjom l-omm ghandu jkun El Hasuni ukoll, kif ghandu jkun El Hasuni ukoll kunjom in-nannu patern.

Ghandha ssir l-istess korrezzjoni fl-att ta' twelid ta' Josef El Hasuni (nru. ta' iskrizzjoni 3837/94) u fl-att ta' twelid ta' Omar El Hasuni (nru. ta' iskrizzjoni 3634/89).

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------